MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 462/2002

**Monarch Advertising Ltd**

**vs**

**Carmelo sive Lino Cuomo esercitanti**
**l-kummerc f'isem id-ditta Interstate Marketing**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' (Lm1578.36) elf u hames mija u tmienja u sebghin lira maltin u sitta u tletin centezmu rapprezentanti prezz ta' servizzi professjonali resi lill-konvenut u fuq istruzzjonijiet tieghu stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Legali datata 14 ta' Mejju 2002, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-istess konvenut presentata “seduta stante” illum stess u li biha ammetta t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita’ tieghu premessa sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm1578.36,0 bl-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Lulju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-14 ta‘ Mejju 2002.

Anthony Zammit
Deputat Registratur